*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,166, 21 ta' Diċembru, 2007*
*Taqsima B*

**A.L. 428 ta' l-2007**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2007 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2007 dwar Żjieda fil-paga għall-Impjegati, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2008.

Żjieda għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'Lm1.50 fil-ġimgħa, u dan b'aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żjieda speċifikata fis-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu.